# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 14 ta' Marzu, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Maurice Curmi)**
**vs**
**Omissis**
**Ronald sive Ronnie Agius**
**Stephanie Theuma**

## Kumpilazzjonu Numru 101/2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:-

**Omissis**

**Ronald sive Ronnie Agius**, ta' 71 sena, bin il-mejjet Emanuel u Olga nee' Camilleri, imwieled Gzira fis-17 ta' Novembru 1947, residenti fil-fond bin-numru 50, Triq Guzeppi Stivala, Naxxar u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 1044447(M); u

**Stephanie Theuma**, ta' 55 sena, bint John u Winnefred nee' Lewis, imwielda Sliema fit-08 ta' Ottubru 1963, residenti fil-fond bin-numru 50, Triq Guzeppi Stivala, Naxxar u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 566963(M).

Akkuzati talli fl-20 ta' Marzu 2007 u fix-xhur precedenti f'dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jigu akkuzati talli fl-20 ta' Marzu 2007 flimkien bil-komplicita u l-kooperazzjoni ta' xulxin, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom, u jew ghall-haddiehor, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn Dazju jew Taxxa li kien imisshom ihallsu, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew issottomettew dokument jew informazzjoni f'taghrif lill-Awtoritajiet tad-Dwana, li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li l-valur dikjarat kien inqas minn dak reali. Dan abbazi ta' dikjarazzjonijiet b'dokument tad-Dwana **SAD Reference No 2007600576506** flimkien mal-**Fattura bin-numru 70205** prezentati ghar-rilaxx tal-Container bin-numru HLXU 4469894, b'konsenja ta' 637 kaxxa Heineken Beer, u 1638 kaxxa Budweiser Beer, b'24 flixkun kull kaxxa ta' 25cl kull flixkun.

Ghaldaqstant, b'dawn id-dokumenti, xjentement saret dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, u kif ghalhekk ukoll f'dak tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fis-sens li l-Valur dikjarat skond il-Fattura sottomessa *(Numru 70205 datata 08 ta' Marzu 2007 > Shipper: Giant Escrow Company Limited, London – Consignee: Jumbo Cash & Carry),* kien ta' LM4,884 (€11,377), Dazju tas-Sisa mhallas kien LM489 (€1,139.06), filwaqt dak tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) kien ta' LM967 (2,253), meta fil-fatt il-Valur u l-VAT reali, abbazi tal-Fattura originali (*Numru 7011 datata 08 ta' Marzu 2007 > Shipper: Pontenorte SAS, France – Consignee: Jumbo Cash & Carry Limitied / GL Trading Limited),* kellhom ikunu LM9,952.58 (€23,183) u LM1,879.52 (€4,378.10) rispettivament.

B'hekk, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta, huma xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema

taxxa tammonta ghal LM912.52 (€2,125), liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Dan bi ksur ta' l-artikoli:

a) 18, 60(a) u (k), 62(b) (g) (h) (i) (k) (m), ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-artikolu 18A ta' l-Att dwar Dazju ta' importazzjoni Kap 337, tal-Ligijiet tad-Dwana
b) 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett din l-Onorabbli Qorti giet mitluba wkoll illi f'kaz ta' htija tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Emeritus Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstema' minn din l-Qorti bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat[1].

Rat l-atti processwali

Ikunsidrat

Illi qabel ma jibda biex jigi kunsidrat il-mertu ta' dan l-kaz ikun opportun li ssir referenza ghal-iter procedurali li segwiet din il-kawza u li jista' ikun deteminanti ghall-mod kif il-Qorti ghandha tiddisponi mill-kawza.

Illi fil-fatt f'dan l-istadju il-Qorti ser tghaddi biex telenka l-aktar fatti relevanti mill-aspett procedurali.

- Dawn il-proceduri inizjalment bdew fil-konfront ta' tlett persuni flimkien: iz-zewg imputati odjerni u certu John Bugeja; ic-citazzjoni giet prezentata fil-31 ta' Lulju 2009.

[1] A fol 14.

- L-ewwel udjenza inzammet fit-3 ta' Ottubru 2009 meta dehru l-ufficjal prosekutur u l-Avv Dr Siegried Borg Cole[2]. Minn dak in-nhar sa'l-4 ta' Gunju 2013 inzammew tnax-il udjenza li fihom ma sar xejn ghaliex qatt ma dehru t-tlett imputati flimkien.

- F'l-udjenza mizmuma fid-19 ta' Gunju 2013 deher l-ufficjal prosekutur u z-zewg imputati odjerni debitament assistiti u intlabet is-separazzjoni tal-gudizzju. Mil-verbal relattiv[3] ma jirrizultax xi degriet tal-Qorti li jilqa jew jichad din it-talba pero wara li saret it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju l-verbal ikompli billi jghid li: "*inqrat l-akkuza bil-gurament u gie esebiet il-kunsens ta'l-Avukat Generali*[4]*. Sar l-ezami ta'l-imputati.*" L-ezami li sar, naturalment sar liz-zewg imputati odjerni[5]. L'ezami relattiv mhux iffirmat mill-Magistrat li kien jippresjedi s-smiegh tal-kawza f'dak iz-zmien. Il-kawza giet differita ghas-17 ta' Lulju 2013 ghall-provi tal-prosekuzzjoni.

- Minkejja li minn dan il-verbal jidher li l-Qorti kienet laqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju ma jirrizultax li effettivament saret is-separazzjoni tal-gudizzju stante li fizikament baqa' jinzamm process wiehed fil-konfront tat-tlett imputati kollha.

- Fil-fatt fil-verbal ta'l-udjenza mizmuma fis-17 ta'Lulju 2013[6] l-okkju huwa indikat bhala *Il-Pulizija vs John Bugeja;* jghid hekk:

  *Meta ssejjhet il-kawza deher l-imputat*[7]*.*
  *L-avukat Dr ___________________ debitament assistih/hom.*
  *Ghal prosekuzzjoni l-Ispettur Maurice Curmi kien prezenti;*
  *Li qara l-akkuza bil-gurament.*
  *Sar l-ezami ta'l-imputat.*
  *Il-Qorti tordna f'dan l-istadju li l-kawza ta'l-imputati Ronnie Agius et u ta' John Bugeja jinstemghu kontestwalment.*
  *Xehdet bil-gurament Connie Azzopardi li esebiet Dok CA*
  *Xehed bil-gurament Quentin Tanti li esebixxa Dok QT1 u QT2.*

  L-ezami ta' John Bugeja ukoll ma giex iffirmat mill-Magistrat.

- Il-verbal ta'l-udjenza sussegwenti, dik mizmuma fit-23 ta' Lulju 2013[8], jerga' jgib l-okkju "*Il-Pulizija vs John Bugeja et*"; dak in-nhar apparentement dehru z-zewg imputati odjerni u John Bugeja u nstemghu diversi xhieda.

---

[2] Verbal a fol 16.
[3] Verbal a fol 36.
[4] Li propjament kien gie prezentat bhala dokument anness mac-citazzjoni u mhux waqt dik l-udjenza.
[5] Dak ta'l-imputat Ronald Agius a fol 40, u dak ta'l-imputata Stephanie Theuma a fol 41.
[6] A differenza tal-verbali kollha precedentim, li kienu jgiebu l-okkju "*Il-Pulizija vs John Bugeja et*"
[7] Ghalkemm m'hemmx indikat min hu l-imputat li deher, ezami sar lil John Bugeja.
[8] A fol 77.

- L-udjenza li jmiss inzammet fit-3 ta' Settembru 2013; il-verbal relattiv[9] kien twil u huwa miktub fuq zewg faccati. F'l-ewwel faccata l-okkju huwa indikat bhala "*Il-Pulizija vs Ronnie Agius et*" fil-waqt li fit-tieni faccata (li kienet il-kontinwazzjoni ta' l-istess verbal) l-okkju huwa indikat bhala "*Il-Pulizija vs John Bugeja et*". Mill-verbal jirrizulta li ghal dik l-udjenza dehru l-uffijcal prosekutur, l-imputat Ronald Agius u Dr Arthur Azzopardi ghal John Bugeja. Dr Azzopardi, li kien jidher ghal John Bugeja iddikjara li (minkejja n-nuqqas tal-patrocinat tieghu) ma kellux oggezzjoni li jinstema' x-xhud minnu indikat. Minkejja n-nuqqas ta'l-imputata Theuma l-Qorti, kif dak in-nhar presjeduta, kompliet bis-smiegh tax-xhieda u anke hadet konjizzjoni u laqghet talba maghmula mill-prosekuzzjoni.

- Mit-tlett udjenzi li segwew f'l-ewwel tnejn ma deher hadd u ma sar xejn[10] u fit-tielet wahda dehru l-ufficjal proskeutur u l-imputati odjerni debitament assistiti[11]; dak in-nhar ma nstemghux provi. Fl-udjenza ta' wara din dehru l-partijiet kollha; il-Qorti iddisponiet minn talba tal-prosekuzzjoni u l-kawza regghet giet differieta[12]. Il-verbali ta' dawn l-udjenzi kollha jgiebu l-okkju "*Il-pulizija vs John Bugeja et*"

- Il-verbal ta'l-udjenza sussegwenti, mizmuma fis-26 ta' Frar 2014, igib l-okkju "*Il-Pulizija vs Ronald Agius*"; fih hemm indikat li deher l-inputat minghajr ma jindika liema imputat; hemm indikat ukoll li l-imputat John Bugeja talab differiment[13]. Dak in-nhar instemghu xi xhieda.

- Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014[14] ma sar xejn u l-kawza giet differita ghat-8 ta' Mejju 2014[15].

- Mbaghad inzammet udjenza fil-5 ta' Gunju 2014; hemm zewg verbali ghal dik l-udjenza. Wiehed mill-verbali[16] huwa intestat Il-Pulizija vs Ronnie Agius u jghid hekk:

  *Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat*
  *L-Avukat Dr S Borg Cole imsiefer*
  *Ghal prosekuzzjoni l-Ispettur Maurice Curmi kien prezenti.*
  *John Bugeja imsejjah ma deherx*

[9] A fol 120 u 121.
[10] Verbali a fol 162 u 163 rispettivament.
[11] Verbal a fol 164; f'dan il-verbal huwa indikat li "*deheru l-imputati hlif ghal John Bugeja"*.
[12] Verbal a fol 165.
[13] Ref verbal a fol 167.
[14] Verbal a fol 193.
[15] F'l-atti m'hemmx verbal ta' xi udjenza mizmuma f'dik id-data.
[16] A fol 194.

*Gie prezentat certifikat mediku (fil-proc ta' J. Bugeja)*
*Tordna li l-kawza tigi differita ghal 25 ta' Gunju 2014 ghall-ahhar darba ghall-provi tal-prosekuzzjoni. Il-Qorti tirrizerva li f'dik l-udjenza tisma provi difiza. Tissejjha f'l-12.00.*

Il-verbal l-iehor ghal dik l-istess udjenza[17] huwa intestat Il-Pulizija vs John Bugeja u jghid hekk:

*Meta ssejhet il-kawza l-imputat imsejjah diversi drabi ma deherx*
*Ghal prosekuzzjoni l-Ispettur Maurice Curmi kien prezenti.*
*Deher Ronnie Agius*
*Dehret Dr Kathleen*
*Li esebiet certifikat mediku ta'l-imputat*
*Tordna li l-kawza tigi differita ghal 25 ta' Gunju 2014 ghall-provi tal-prosekuzzjoni. Tissejjha f'l-12.00.*

- Fil-25 ta' Gunju 2014 jidher li deher l-imputat Ronald Agius pero ma sar xejn[18].

- Il-verbal ta'l-udjenza sussegwenti[19], cioe dik ta'l-4 ta' Lulju 2014, intestat *Il-Pulizija vs John Bugeja et,* jghid hekk:

  *Meta ssejhet l-kawza deher l-imputat Ronnie Agius mhux assistit.*
  *Ghal prosekuzzjoni l-Ispettur Maurice Curmi ma kienx prezenti;*
  *Fil-waqt li ghalkemm din il-kawza qed tinstema' kontestwalment kien hemm is-separazzjoni tal-gudizzju bejn l-imputat John Bugeja u Ronnie Agius.*
  *Deher Dr Arthur Azzopardi li prezenta certifikat mediku ta' John Bugeja li jinsab rikoverat l-isptar u z-zmien ta' rikoverazzjoni mhux determinabbli ghaldaqstant thalli fil-konfront tieghu il-kawza sine die.*
  *Billi l-kawza ilha ghall-provi prosekuzzjoni u min-naha tal-prosekuzzjoni tordna l-eghluq ghal provi prosekuzzjoni.*
  *Tordna li l-kawza tigi differita ghat-22 ta' Lulju 2014 ghal provi tad-difiza okkorrendo sentenza.*

- Fit-22 ta' Lulju 2014 inzammet l-udjenza u l-verbal rega' gie intestat *Il-Pulizija vs Ronnie Agius et.* Mill-verbal jidher li issejjah John Bugeja (minkejja li l-proceduri fil-konfront tieghu jidher li thallew sine die) izda ma deherx[20]. Xehed l-imputat Ronald Agius u l-kawza giet differita ghal-5 ta' Awissu 2014.

---
[17] A fol 197.
[18] Verbal a fol 198.
[19] A fol 199
[20] Verbal a fol 201.

- Fil-5 ta' Awissu 2014[21] deheru z-zewg imputati odjerni: Ronald Agius u Stephanie Theuma. Dak in-nhar xehedet Stephanie Theuma u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

- Il-verbal ta'l-udjenza sussegwenti[22] jghid hekk:

  *Meta ssejhet il-kawza dehru l-imputati*
  *Ghal prosekuzzjoni l-Ispettur Maurice Curmi kien prezenti*
  *Il-Qorti tordna is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.*
  *Il-Qorti qed tinnota li din il-kawza trid necessarjament tigi deciza kontestwlament mal-kawza ta' John Bugeja li kienet xi zmien thalliet sine die u t-talba ghar-riappuntament taghha ghada ma saritx.*
  *Tordna li l-kawza tigi differita ghall-4 ta' Marzu 2015 ai fini ta' dan il-verbal*

- Il-verbali ta' l-udjenzi li segwew mhumiex inseriti in atti pero mill-qoxra tal-process jidher li l-kawza thalliet sine die fil-11 ta' Gunju 2015.

- Fis-26 ta' Ottubru 2017 il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta; giet riappuntata ghat-22 ta' Jannar 2018. Inzammew diversi udjenzi u ghalkemm gew notifikati l-imputati odjerni[23] l-imputat John Bugeja baqa ma giex notifikat. Eventwalment l-ufficjal prosekutur, peress li l-imputat John Bugeja kien rikoverat l-isptar u ma kienx previst meta ser ikun jista jattendi l-Qorti, u peress li minkejja dak verbalizzat fid-19 ta' Gunju 2013 s-separazzjoni tal-gudizzju effettivament qatt ma saret, rega' talab is-separazzjoni tal-gudizzju. Din it-talba intlaqghet, saret is-separazzjoni tal-guduzzju u l-kawza fil-konfront ta'l-imputati odjerni giet differita ghas-sentenza[24].

Illi minn din l-espozizzjoni jirrizultaw diversi zbalji procedurali l-aktar serji mill-liema fil-fehma tal-Qorti huwa s-segwenti: separazzjoni tal-gudizzju li effettivament baqghet ma saritx u dawk li suppost saru zewg kawzi separati u distinti baqghu jinstemghu, mhux kontestwalment, imma bhala kawza wahda; smiegh ta' xhieda fin-nuqqas xi wiehed jew l-iehor mill-imputati; in-nuqqas tal-Magistrat li jiffirma l-ezami ta'l-imputati.

Ikkunsidrat

---

[21] Verbal a fol 221.
[22] A fol 226.
[23] Kien biss f'Jannar 2019 li l-prosekuzzjoni innotifikathom.
[24] Ref verbal a fol 240.

Illi l-importanza *ad validatem* ta'l-ezami ta'l-imputati fir-rigward ta'l-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta minn dak predispost f'l-artikolu 597 tal-Kapitolu 9. Din id-dispozizzjoni (fis-subartikolu 4 taghha) tipprospetta l-possibilita li att ta' akkuza jigi attakkat meta jkun hemm difett li jkun jikkonsisti fin-nuqqas tar-rapport tal-pulizija, fin-nuqqas ta'l-ezami ta'l-imputat, jew fin-nuqqas tad-decizjoni li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza.

Illi eccezzjonijiet bazati fuq din id-dispozizzjoni tal-Ligi huma sollevabbli *ex officio* fil-fatt hekk ghamlet il-Qorti Kriminali fil-kawza Republika ta' Malta vs Saviour Azzopardi et[25]. Permezz tas-sentenza mghotija f'dik il-kawza l-Qorti Kriminali kkonkludiet li d-difetti imsemija fis-subartikolu 4 ta'l-artikolu 597, jekk pruvati, igibu n-nullita ta'l-atti tal-kumpilazzjoni u kwindi ta'l-att ta' akkuza. Aktar minn hekk il-Qorti Kriminali ekwiparat in-nuqqas tal-firma tal-Magistrat fuq l-ezami ta'l-imputat man-nuqqas ta'l-ezami stess. Dik il-Qorti fil-waqt li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza relevanti qalet hekk:

> *Issa huwa pacifiku fil-gurisprudenza in materia li l-ezami ta'l-imputat ghandu jigi iffirmat mill-Magistrat Istruttur u li minghajr dik il-firma, l-ezami ta'l-imputat huwa null, u ghalhekk hija nulla l-istruttorja u huwa nul ukoll l-att ta' akkuza bazat fuq dik l-istruttorja ………….. fejn kien hemm in-nuqqas effettiv u totali tal-firma tal-Magistrat ……… dan huwa ekwiparabbli ghan-nuqqas ta'l-ezami stess. Fejn kien hemm in-nuqqas ta'l-ezami ta'l-imputat f'l-istruttorja l-att ta' akkuza bazat l-istruttorja dejjem gie annullat…………..*
>
> *Ghalhekk din il-Qorti rinfaccjata bin-nuqqas tal-firma tal-Magistrat Istruttur fuq .. l-ezami…. ma tistax hlif li tiddikjara l-att tal-kumpilazzjoni nulli, ghaliex hu null l-ezami ta'l-akkuzati u kwindi tiddikjara l-att ta' akkuza odjern bhala null u bla effett.*

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li ghalkemm is-sentenza hawn kwotata qed taghmel referenza ghall-Qorti Struttorja u allura ghall-ezami ta'l-imputat f'proceduri struttorji, l-istess principju ghandu japplika ghall-proceduri odjerni li instemghu minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ai termini ta'l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-proceduri odjerni bdew quddiem din il-Qorti bhala Qorti Struttorja[26]. Kien biss meta sar l-ezami ta'l-imputati ai termini ta'l-artikoli 390 u 392 tal-Kodici (dispozizzjonijiet li jirregolaw il-procedura quddiem il-Qorti

---

[25] Fis sentenza datata 13 ta' Lulju 2006.

[26] Indikazzjoni ta' dan huwa l-fatt permezz tac-citazzjoni l-imputati gew ordnati jidhru quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja; ref fol 3.

Struttorja) u l-ufficjal prosekutur indika li huwa ghandu l-kunsens ta'l-Avukat Generali u l-imputat iddikjara n-nuqqas ta'oggezzjoni tieghu, li l-Qorti setghet, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 370(4), tikkonverti f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tipprocedi sommarjament. Pero l-ezami li jsir huwa dejjem ai termini ta'l-artikolu 392. Fil-fatt l-artikolu 370 tal-Kodici, fis-subartikolu 4 tieghu, jaghmel referenza ghall-ezami ta'l-imputat li ghandu jsir skond l-artikolu 392. L-ezami skond l-artikolu 392 huwa regolat anke bid-dispozizzjonijiet sussegwenti, fosthom l-artikolu 395 li jirrikjedi li l-ezami ta'l-imputat ikun iffirmat mill-Magistrat.

Illi tenut kont ta' dan u b'applikazzjoni tal-principji li gwidaw il-Qorti Kriminali fil-kawza fuq kwotata ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma tistax ma tikkonkludiex li in-nuqqas tal-firma tal-Magistrat f'l-ezami ta'l-imputati wassal ghan-nullita ta'l-imsemmi ezami u konsegwentement anke ta'l-atti sussegwenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddkjara l-atti processwali nulli u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**